**MALTA**

## TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**PERIT JESMOND MUGLIETTE**
**INGINIER ALEXANDER GALEA**

**Seduta tas-17 ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru. 33/13**

**Ambrose Zammit**

**Vs**

**Malta Resources Authority u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2015 l-atti gew trasfuzi f'isem Ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell tar-rikorrenti li gie pprezentat quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi fejn gie premess is-segwenti:-

*"Bis-sahha ta' din l-ittra, Ambrose Zammit li joqghod 34, Daffodils and Roses, Triq l-Izbark tal-Francizi, Mellieha qieghed formalment jappella mir-rifjut da part ital-Awtorita` Maltija ghar-Rizorsi ghall-ghoti ta' Licenzja A ghal xoghol fl-elettriku u dana bis-sahha ta' ittra tas-7 ta' Lulju, 2011 u dana stante li d-decizjoni ta' l-Awtorita` kellha illegalita` materjali kif definite f'artiklu 34 (2)(d) tal-Kap 423 tal-Ligijiet ta' Malta senjatament minhabba l-irragonevolezza u "lack of proportionality" taghha kif se jigi spjegat iktar l-isfel f'din l-ittra ta' appell.*

*Illi l-fatti tal-kaz huma li gejjin:*

*Ambrose Zammit ghamel il-kors bhala elettricista Licenzja A biex ikun jista` jghaddi sistemi single phase u ghadda mill-ezamijiet kollha. Izda l-Awtorita` Maltija ghar-Rizorsi nfurmatu fis-7 ta' Lulju 2011 li mhux se tohroglu l-licenzja ghax meta ccekkjat il-kondotta tieghu sabet li ghamel 6 snin habs u wheel multa ta' Lm3,800 fuq traffikar ta-droga. Hu skonta s-sentenza u kellu mgieba tajba hafna fil-habs, kif jista` facilment jigi pprovat matul il-mori tas-smiegh ta' dan l-appell. Fil-habs ghamel ukoll il-kors ghal elettricista u rnexxa. Ambrose Zammit huwa ezempju car ta' persuna li mhux biss harget mill-problema tad-droga, imma tall ibis-sahha tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ikkoregiet il-via taghha f'hajjitha. Nonostante dan, pero`, l-Awtorita` ddecidiet li taghlaqlu t-triq li biha hu seta` jkompli ghaddej b'hajtu unikament in vista tar-reat de quo.*

*Illi l-aggravvji ta' dana l-appell huma cari u manifest u jikkonsistu fis-segwenti:*
*Illi r-regolament li jirregola l-hrug ta' awtorizzazzjonijiet de quo, ossija AL 423.30, imkien ma' jimpedixxi b'mod tassattiv il-hrug ta' licenzja A lil min wehel piena ta' sitt snin prigunerija fuq reati taht l-Ordinanza tal-Medicini Perikoluzi. F'artiklu 5(i)(a)(1) ir-regolamenti maghmula taht AL 423.30 jipprovdu lista shiha ta' reati li jimpedixxu applikant milli jottjeni l-awtorizzazzjoni mehtiega u, gustament, ir-reati relatati mad-droga ma jaqghux taht dina l-lista ta' reati serji ghall-finijiet ta' dawna r-regolamenti. Imbghad, l-artiklu 5(1)(b) jirreferi ghal impediment lil kull min wettaq reat punibli b'iktar minn sena prigunerija b'dana pero` li dan l-impediment huwa kwalifikat b'sensiela ta' kriterji li l-Awtorita` ghandha zzomm f'mohha qabel timponi l-accettazzjoni jew l-eventwali rifjut minhabba s-sena prigunerija jew iktar (ara artiklu 5(2)).*

*L-ghan tal-legizlatur huwa pjuttost car. Qabelxejn il-legizlatur fired sett ta' reati minn reati ohrajn generali. Imbaghad, il-legislatur ta' poter diskrezzjonali lill-Awtorita` illi meta tigi biex tohrog id-decizjoni taghha tara sitt kriterji biex b'hekk l-Awtorita` tkun tista` tohrog lil min hu genwin il-licenzji mehtiega nonostante l-fedina penali ta' dak li jkun; u dana stante li l-policy tal-Gvern hija dik favur ir-rijabilitazzjoni.*
*Umilment ir-rikorrenti jemmen li huwa jissodisfa s-sitt kriterji li huma u dana ghaliex:*

1. *Is-serjeta` u c-cirkostanzi li jirrigwardjaw ir-reat de quo certament m'humiex tali li ghandhom jimpedixxu lir-rikorrenti milli jinghata l-awtorizzazzjoni. Hawnhekk wiehed m'ghandux jikkonfondi l-ghebusija, gustifikata, tal-ligijiet tad-drogi bhala certifikat fih innifsu ta' kawzali serji ta' cirkontanzi. L-ligijiet tad-drogi huma kaz ta' dura lex sed lex, huma iebsin, bir-ragun minhabba l-impatt socjali li d-drogi jarrekaw fuq is-socjeta`, imma wiehed m'ghandux jitlaq jigri bl-idea li ladarba si tratta ta' sitt snin prigunerija u traffikar tad-drogi wiehed awtomatikament jeskludi applikant milli jkollu licenzja. Wiehed irid jaghrbel ic-cirkostanzi kollha, jara ezattament x'kienu c-cirkostanzi fattwali dakinhar li r-rikorrenti nstab hati b'reat li jmur kontra l-Ordinanza relattiva u x'inhuma c-cirkostanzi llum. Jekk wiehed jaghrbel ic-cirkostanzi kollha, wiehed bla dubju jasal biex jawtorizza l-hrug tal-awtorizzazzjoni fil-kaz de quo;*
2. *L-ispjega moghtija mir-rikorrenti, li hija spjega ta' wiehed perfettament rijabilitat l' uza z-zmien fil-Facilita` Korretiva biex effettivament jikkoregi u jirrijabilita ruhu;*
3. *Ir-relevanza tar-reat de quo in vista mal-awtorizzazzjoni li qed jitlob. Umilment l-esponenti jissottometti l' assolutament m'hemm ebda relevanza assolutament bejn ir-reat taht l-Ordinanza tal-Medicini Perikoluzi u t-talba li jkun electrician.*

4. *Kemm ghadda zmien u l-evidenza tar-rijabilitazzjoni. Hawnhekk l-esponenti jiftahar li huwa rrijabilita` ruhu mija fil-mija;*
5. *Evidenza ta' effett hazin fuq il-konsumaturi, li f'dan il-kaz certament m'hemmx u*
6. *Evidenza ta' riskji, li f'dan il-kaz certament m'hemmx. Ir-rikorrenti m'ghandux kazijiet pendenti, m'huwiex qed jigi nvestigat u hareg, kif diga` gie sottomess, kompletament minn dan il-vizzju ikrah.*

*Irid jigi ribatit li l-lista indikata fis-subartiklu (2) tal-artiklu 5 tar-regolamenti m'hijiex wahda li trid li l-kriterji kollha jigu sodisfatti, tant li imkien m'hemm indikata l-kelma "u" bejn kriterju u iehor. Dana l-legizlatur ghamlu bi skop evidenti, illi flok jorbot idejn l-Awtorita`, jaghti lill-awtorita` d-diskrezzjoni kollha biex meta tara c-cirkostanzi kollha u bil-kriterji f'mohha, tghaddi biex taghmel dak li kemm legali u kemm gust u sewwa. F'dan il-kaz ir-rikorrenti jhoss li l-Awtorita` dan l-ezercizzju diskrezzjonali m'ghamlitux ghaliex kieku ghamlitu certament kienet takkorda l-hrug tal-permess jew licenzja;*

*Illi huwa car illi d-decizjoni ta' l-Awtorita` li tirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti kienet kemm irragonevoli u kemm monka mill-att ta' proporzjonalita` u dana bi ksur ta' dak li jrid l-artiklu 34(2)(d) tal-Kap 423 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*X'sens jaghmel li nitkellmu fuq il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin bhala post ta' rijabilitazzjoni u mhux ta' kastig biss u nipprovdu korsijiet ta' tahrig meta mbaghad min jaghmel dawn il-korsijiet u jirnexxi ncahhduh mil-licenzja necessarja biex jibda hajja gdida u jaqla` l-ghixien tieghu? Ir-rikorrenti jemmen li hu totalment bla sens u mmorali li ncahhdu persuna mill-opportunita` reali li tibda hajja gdida u ma nhallulhiex alternattiva hlief l-illegalita`.*

*Id-decizjoni tar-rifjut ta' dina l-applikazzjoni kienet wahda rragonevoli tenut kont ic-cirkostanzi kollha, l-politika dikjarata tal-Gvern tal-gurnata favur ir-rijabilitazzjoni u l-principji tas-sewwa. Bl-istess mod kienet sproporzjonata- meta wiehed ipoggi fil-mizien it-tbatija li se jsofri r-rikorrenti, li ghadda b'success mill-ezamijiet kollha, meta mqabbla mal-potenzjal ta' riskju li tista` ssofri s-socjeta` ghall-fatt li r-rikorrenti jkollu licenzja ghal xoghol fl-elettriku, il-keffa taqleb sproporzjonatament kontra l-esponenti l'effettivament qed jinghad lilu li nonostante r-rijabilitazzjoni u l-fatt li ghadda mill-ezamijiet kollha, l-Awtorita` m'hijiex lesta li ttieh l-ghodda biex jahdem b'mod onest.*
*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi l-Bord, wara li jara l-provi kollha prodotti u dawk producibbli, jghaddi biex ihassar u jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorita` Maltija ghar-Rizorsi tas-7 ta' Lulju 2011 li biha ma nghatax lilu l-Licenzja A ghal xoghol fl-elettriku u minflok jghaddi biex johrog dawk l-awtorizzazzjonijiet kollha li l-esponenti effettivament kien talab li jinhargulu fl-applikazzjoni originali tieghu."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` intimata li eccepiet is-segwenti:

*"Illi bla pregudizzju ghall-pozizzjoni legali taghha jew ghal kull dritt iehor li tista` tivvanta skont il-ligi, l-Awtorita` tirreferi ghall-appell ghad-decizjoni taghha moghtija permezz tal-ittra datata 7 ta' Lulju 2011, maghmul mill-appellant is-Sur Ambrose Zammit.*

*Illi fil-verita`, hija kienet harget decizjoni formali bil-motivazzjonijiet taghha permezz tas-segwenti decizjoni:*

*"Decision of the 27th June 2011 issues in virtue of the Malta Resources Authority Act (Cap.423 of the Laws of Malta), the Electrical Installations Regulations, 2010 (LN225 of 2010) and the Authorisations (Suspension, Refusal and Revocation). Regulations, 2008 to Mr Ambrose Zammit with regard to the application for the issue of an Authorisation A to carry out the installation, alteration, extension and certification of single phase electrical installations." (Dok MRA anness)*

*Illi l-Awtorita` tixtieq tgharraf lil dan l-Onorevoli Bord, li hija rrikunsidrat id-decizjoni appellate taghha tas-27 ta' Lulju 2011 permezz ta' decizjoni ohra moghtija permezz tal-ittra datata 13 ta' Settembru 2011 (Dok. AR), li permezz taghha l-Awtorita` ddecidiet li tghati l-awtorizzazzjoni mitluba mis-Sur Ambrose Zammit bil-kundizzjonijiet segwenti:*

1. *"a favourable character reference being given on your behalf by the Director of Prisons;*
2. *The authorisation shall be granted for a temporary, probationary period of two (2) years and on condition that you shall be monitored by a probation officer. The probation officer shall present to the Authority a report of your behaviour every six (6) months."*

*L-Awtorita` wara din l-hrug ta' din l-ittra akkordat mal-proposta tal-istess Direttur tal-Facilita` korrettiva, li jkun ugwalment accettabbli li l-moitoragg isir minn social worker, li jista` jkun ukoll wiehed provdut mill-Facilita` Korrettiva stess.*

*Ghaldaqsatant u in vista tas-suespost, l-Awtorita` esponenti titlob bir-rispett li l-Bord tal-Appelli jiehu kull provvediment li jista` jidhirlu xieraq u opportun, b'rizerva ghal kull talba jew risposta ulterjuri li l-Awtorita` tista` tissottometti lil dan l-Onorabbli Bord."*

Ra illi dawn il-proceduri gew assenjati quddiem dan it-Tribunal minn quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar ir-Rizorsi sussegwentement ghad-dhul *in vigore* tal-Avviz Legali 184 tal-2012.[1]

Ra l-atti kollha, inkluz dawk sottomessi quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi;

Sema' x-xhieda tar-rikorrent,[2] ta' Eleno Galea,[3] ta' Desmond Zammit Marmara,[4] u ta' Anthony Rizzo.[5]

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent;

Ra li l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza.

---

[1] Regolamenti tal-2012 dwar l-Estensjoni tal-Gurisdizzjoni tat-Tribunal tar-Revizjoni Amministrattiva (Rizorsi)
[2] A fol. 132 sa 135
[3] A fol. 141 sa 148
[4] A fol. 156 sa 159
[5] A fol. 171 sa 174

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita intimata datata 7 ta' Lulju 2011 li permezz taghha gie infurmat li ma kienx se jinghata l-Licenzja A ghal xoghol fl-elettriku u dan minhabba l-kondotta kriminali li kellu r-rikorrent.

Illi t-Tribunal jinnota li fil-verita` d-decizjoni proprja inghatat fis-27 ta' Gunju 2011 u ntbaghtet lir-rikorrent permezz ta' ittra datat 7 ta' Lulju 2011.[6]

Illi fix-xhieda tieghu **ir-rikorrent** spjega illi fl-2003 kien ghaddej minn zmien hazin u qabad it-triq tad-droga u kien gie akkuzat fuq traffikar tad-droga, ghal-liema akkuzi huwa ammetta u fl-2007 gie kundannat ghal sitt snin u tmien xhur habs. Matul il-perjodu li kien il-habs ir-rikorrent spjega li kien ghamel kors biex jikseb il-Licenzja A biex jahdem fl-elettriku. Jghid li fil-fatt kien ghadda mil-ezamijiet pero` qatt ma tawh il-licenzja. Jghid li minhabba li ma nghatax il-Licenzja A ma setghax ikompli biex jottjeni l-Licenzja B.

**Eleno Galea**, ufficjal fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, spjega li r-rikorrent ghamel zmien jahdem fid-divizjoni fejn kien stazzjonat hu u li l-imgieba tieghu kienet wahda ezemplari.

**Desmond Zammit Marmara** stqarr illi bejn is-sena 1997 u s-sena 2009 kien ko-ordinatur tal-iskola tal-habs. Jghid li r-rikorrent kien jattendi l-kors li jwassal ghall-kisb tal-licenzja ta' elettricista. Jghid li peress li kull min ikun il-habs naturalment ma jkollux kondotta nadifa allura kienu ghamlu arrangamenti specjali mal-Ministeru biex titnehha l-klawsola tal-kondotta. Jghid li ma kinitx taghmel sens li l-prigunieri jaghmlu l-kors u mbaghad ma jkunux jistghu jaghmlu l-ezami minhabba l-kondotta. Jghid li pero` ma kienx a konoxxenza li r-rikorrent kellu xi problema biex jottjeni l-Licenzja ghax hu kien jasal maghhom biss sal-fazi tal-ezami.

**Anthony Rizzo**, Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` intimata, stqarr li r-rikorrent applika biex jiehu l-Licenzja A fit-23 ta' Novembru 2009. Sussegwentement ir-rikorrent gie msejjah ghall-*interview* f'April 2010 u ghadda. Imbaghad beda process ta' verifika u talbuh ghall-kondotta tal-pulizija, liema kondotta giet sottomessa fit-3 ta' Awissu 2010 u saret diskussjoni interna jekk l-applikazzjoni setghetx tigi accettata jew le. Ix-

[6] Ara fol. 76 et seq.

xhud stqarr li applikaw l-Avviz Legali 195 tal-2008[7] u ttiehdet decizjoni. Jghid peress li dak iz-zmien kien kaz uniku l-Awtorita` xtaqet *guidelines* u *policy* cara biex tkun tista' tiddeciedi. Sussegwentement gew ddraftjati *guidelines* li gew approvati mill-Bord tal-Awtorita` fis-27 ta' Gunju 2011 wara liema kien hemm ir-rifjut ghall-applikazzjoni odjerna, liema decizjoni giet komunikata lir-rikorrent fis-7 ta' Lulju 2011. Illi fit-8 ta' Awissu 2011 ir-rikorrent kien ipprezenta appell mill-istess decizjoni. Pero` fl-24 ta' Awissu 2011 il-kaz tar-rikorrent rega' tela' ghal rikonsiderazzjoni tal-Bord peress li kien kaz partikolari. Il-Bord rega' kkunsidra l-kaz fejn gie deciz illi r-rikorrent kellu jipprezenta certifikat ta' referenza favorevoli min-naha tad-Direttur tal-Habs u jekk ikollu tali referenza il-licenzja kienet se tinghata fuq *probation* ghal sentejn fejn ir-rikorrent kien se jigi *monitored* fir-rigward ta' mgieba minn psikologu. Jghid li t-thassib tal-Bord kien li ghalkemm ir-rikorrent kien irriforma ruhu huwa kien se jkollu kuntatt dirett mal-konsumatur. B'referenza ghall-*guidelines* jghid li dawn jipprovdu illi "*any withdrawal, suspension and/or refusal by the authority will be reviewed if requested by the applicant and/or authorised provider after the lapse of five calendar years, after completion of prison sentence and/or payment of the fine"*. Jghid li pero` fil-kaz odjern l-Awtorita` qatt ma rceviet ir-referenza ta' karattru mitluba mir-rikorrent ghalkemm verbalment id-Direttur tal-Habs kien informa lix-xhuda li r-rikorrent kien irriforma ruhu u kien kwazi tah garanzija, huwa qatt ma ghamel dan bil-miktub.

Illi ghalhekk jirrizulta illi mid-decizjoni tas-27 ta' Gunju 2011 li minnha qieghed jappella r-rikorrent, sussegwentement kien hemm zviluppi fejn fl-24 ta' Awissu 2011 il-Bord rega' kkunsidra l-posizzjoni tar-rikorrent u talbu jipproduci referenza tal-karattru minghand id-Direttur tal-Habs u wkoll li l-istess Licenzja tinghata ghal sentejn fuq *probation.*

Illi jirrizulta illi meta l-Awtorita` giet biex tiddeciedi dwar jekk taghtix il-licenzja jew le lir-rikorrent, dan kien kaz partikolari peress li r-rikorrent kien instab hati ta' traffikar ta' droga u kien skonta piena karcerarja. Illi ghalhekk inhass il-bzonn li jigu formulati *guidelines* li fuqhom kellha timxi l-istess Awtorita` f'kazijiet simili. Illi pero` t-Tribunal jinnota illi filwaqt li fl-imsemmija *guidelines* hemm imsemmi li l-Awtorita` "***shall*** *withdraw, suspend or refuse authorisation"*, l-Avviz Legali 195 tal-2008 (Regolamenti ta' l-2008 dwar is-Sospensjoni, ir-Rifjut u r-Revoka ta' l-Awtorizzazzjoni) jistipula li l-Awtorita` intimata "***tista' tirrifjuta*** *l-applikazzjoni ghal-hrug jew it-trasferiment ta' awtorizzazzjoni, u fil-kaz ta' tigdid ta' awtorizzazzjoni, tista' tissospendi jew tirrevoka awtorizzazzjoni jew provditur awtorizzat ikun;*

[7] Regolamenti tal-2008 dwar is-Sospensjoni, ir-Rifjut u r-Revoka ta' l-Awtorizzazzjonijiet

*(a)…..*
*(b) xjentement ghamel reat kriminali li dwaru jista' jehel piena ta' mhux anqas minn sena prigunerija."*

Illi t-Tribunal jirrileva li f'dan il-kaz ghandu japplika l-Avviz Legali 195 tal-2008 u dana peress li **jaghti diskrezzjoni** lill-Awtorita` intimata jekk tapprovax jew le l-awtorizzazzjoni mitluba mir-rikorrent u mhux bhall-*guidelines* li bhal donnu jorbtu idejn l-istess Awtorita` bil-kelma "shall". Dan fil-fatt huwa konfermat minn e-mail datata 9 ta' Awissu 2011 mibghuta minn certu Paul Radmilli, Segretarju Privat tal-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali ta' dak iz-zmien, fejn fiha gie dikjarat li id-decizjoni odjerna kienet ibbazata fuq l-imsemmi Avviz Legali.[8]

Illi skond l-istess Avviz Legali, meta l-Awtorita` intimat tigi biex tiehu decizjoni dwar il-hrug ta' licenzja ghandha tigi gwidata mis-segwenti fatturi, u cioe`:

a) Mill-gravita` u c-cirkostanzi tar-reat;
b) Mill-ispjegazzjoni moghtija mill-persuna li tinsab hatja;
c) Mir-rilevanza tar-reat ghar-rigward tal-kariga proposta fil-kaz ta' applikazzjoni ghal xi awtorizzazzjoni;
d) Mill-moghdija taz-zmien minn meta jkun sehh ir-reat u provi tar-rijabilitazzjoni tieghu
e) Kull prova ta' dannu attwali jew detriment tal-konsumaturi;
f) Provi li jindikaw riskji ghal konsumaturi minn attivita` ma' l-applikant

Illi jidher li l-Awtorita` intimata ghamlet ezercizzju shih biex waslet ghad-decizjoni taghha, inkluz li permezz ta' ittra datata 30 ta' Novembru 2010 invitat lir-rikiorrent biex jaghti spjegazzjoni ahjar tal-fatti li wassluh biex jigi sentenzjat u fil-fatt wara waslet ghad-decizjoni impunjata u cioe` li l-Awtorita` kienet lesta li taghti l-awtorizzazzjoni taghha ghall-hrug tal-licenzja bil-kundizzjoni li r-rikorrent referenza pozittiva tal-karattru tieghu mid-Direttur tal-Habs u wkoll illi l-istess awtorizzazzjoni tinghata bi *probation* ta' sentejn taht is-sorveljanza ta' *probation officer.*

Illi ghalhekk l-Awtorita` intimata minn rifjut totali regghet irrikonsidrat il-posizzjoni taghha fejn ghamlet certi salvagwardji biex tkun f'posizzjoni tawtorizza l-hrug tal-licenzja lir-rikorrent. Illi pero` jirrizulta illi r-rikorrent lahaq intavola dan l-appell[9] qabel l-Awtorita` intimata irrikonsidrat il-

[8] Esebita a fol. 7
[9] Ara appell a fol. 119 datat 8 t'Awwissu 2011

posizzjoni taghha fit-13 ta' Settembru 2011.[10] Kwindi meta gie biex jintavola l-appell ir-rikorrent kien ghadu ma jafx illi l-Awtorita` intimata sussegwentement kienet se ticcaqlaq mill-posizzjoni taghha. Dan naturalment biddel ix-xenarju kollu ta' din il-kwisjtoni ghaliex minn rifjut skjett issa r-rikorrent kien se jinghata l-opportunita` li jekk jipproduci referenza favorevoli minghand id-Direttur tal-Habs allura l-Awtorita` kienet se tikkoncedilu l-licenzja taht *probation.*

Illi issa skond kif xehed ir-rikorrent u anke dak li kien jikko-ordina l-programmi edukattivi gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, qatt hadd ma infurmahom li ladarba wiehed ilesti l-kors b'success huwa kien se jiffaccja xi problema biex jinghata l-licenzja minhabba l-kondotta kriminali tieghu. Pero` ir-rikorrent lanqas ma joffri xi spjegazzjoni il-ghala meta gie mitlub igib referenza tal-karattru tieghu mid-Direttur tal-Habs huwa baqa' inadempjenti.

Illi dan it-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrent li wara li ghamel hiltu biex jibda u jispicca l-kors ghall-kisba ta' License A fl-elettriku sab xi intoppi li hadd qatt ma fetahlu ghajnejh dwarhom, pero` min-naha l-ohra lanqas jista' jaghti tort totalment lill-Awtorita` intimata li kienet kawta fil-hrug tal-awtorizzazzjoni taghha. Illi meta wiehed jinghata din it-tip ta' licenzja ovvjament se jahdem man-nies, fi djar privati u possibilment anke fi stabbilimenti kummercjali u ghalhekk l-Awtorita` intimata hija fid-dmir li tiskrutinja sew lil min tawtorizza li jkollu tali licenzja. Illi dan it-Tribunal ma jhossx illi l-Awtorita` intimata, id-dawl ta' dak li jesigi l-Avviz Legali 195 tal-2008, imxiet b'mod hazin fil-konfront tar-rikorrent. Illi dan it-Tribunal ma jistghax isib raguni ghala r-rikorrent ma kompliex jirsisti biex igib dak mitlub minnu mill-Awtorita`, u dan anke fid-dawl li skond il-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` intimata, Anthony Rizzo, huwa stess kellu laqghat mad-Direttur tal-Habs fejn kienu tkellmu dwar l-imgieba tajba tar-rikorrent u li l-istess rikorrent kien irriforma ruhu.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni kif modifikata fit-13 ta' Settembru 2011 liema decizjoni mmodifikat id-decizjoni appellata tas-27 ta' Gunju 2011 kif komunikata lir-rikorrent permezz ta' ittra datata 7 ta' Lulju 2011.

[10] Ara ittra a fol. 16 tal-process

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq qieghed jichad l-appell interpost mir-rikorrent u jilqa' r-risposta mressqa mill-Awtorita` intimata, illum Regolatur.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**